Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Pio Pisani)

vs

James Marsala

Illum 18 ta' April, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat James Marsala, iben missier mhux maghruf u Marlene xebba Marsala, imwieled tas-Sliema fl-20 ta' Marzu, 1968 u detentur tal-karta tal-identita Nru 318486(M) talli f'dawn il-gzejjer (Mosta) nhar it-8 ta' Lulju, 1998 u fit-tlett hxur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu (James Marsala) ukoll fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew

kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, billi pprezenta cekkijiet fl-ismijiet ta' (1) Saviour Dimech ghall-valur ta' LM22.50, bin-numru 000003 fuq il-Mid Med Bank ta' numru 63, Constitution Street, Mosta, datat 20 ta' Gunju 1998;

(2) f'isem Ta' Karla ghall-valur ta' LM136, bin-numru 000008 fuq l-istess bank, datat 23 ta' Gunju, 1998;

(3) f'isem Ta' Karla ghal valur ta' LM59, bin-numru 000013, fuq l-istess bank, datat 26/6/98;

(4) f'isem Anthony Bezzina, ghall-valur ta' LM22.50, bin-numru 000019, fuq l-istess bank datat 4 ta' Lulju, 1998;

(5) f'isem Anthony Bezzina, ghall-valur ta' LM22.50, bin-numru 000017, fuq l-istess bank datat 27 ta' Gunju, 1998;

(6) f'isem Anthony Bezzina, ghall-valur ta' LM60, bin-numru 000022, fuq l-istess bank datat 4 ta' Lulju, 1998;

(7) f'isem Anthony Bezzina, ghall-valur ta' LM28, bin-numru 000011, fuq l-istess bank datat 24 ta' Gunju, 1998;

(8) f'isem S. Rausi, ghall-valur ta' LM164, bin-numru 000015, fuq l-istess bank datat 25 ta' Gunju, 1998;

(9) f'isem Anthony Pace, ghall-valur ta' LM143, bin-numru 000018, fuq l-istess bank datat 1 ta' Lulju, 1998;

(10) f'isem Anthony Pace, ghall-valur ta' LM156, bin-numru 000009, fuq l-istess bank datat 2 ta' Lulju, 1998;

(11) f'isem Tony Pace, ghall-valur ta' LM299, fuq l-istess bank bin-numru 000023, fuq l-istess bank datat 8 ta' Lulju, 1998; ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor (il-persuni fuq imsemmija, u l-Mid Med Bank tal-Mosta) jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor (il-persuni fuq imsemmija u l-bank tal-Mid Med) (Art. 308, 310, 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu, 2002;

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu issib lill-istess imputat hati tal-istess imputazzjonijiet u dan wara li l-

Qorti rat l-Artikoli 18, 31, 308 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fis-seduta tal-15 ta' Marzu ta' din is-sena ipprometta illi jirrifondi lura l-flus kollha dovuti minnu skond kif imnizzel fl-imputazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti tara illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat u kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu ghall-prigunerija ta' tmintax il-xahar sospiza ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat illi ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi s-somma komplessiva ta' elf mija u tnax

il-lira u hamsin centezmu (LM1,112.50) lill-partijiet offizi skond kif jidher u kif jirrizulta mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fiz-zmien sitt xhur mil-lum u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' kull wahda mill-partijiet jew ta' xi persuna ohra li jkollha interess li johogru mil-likwidazzjoni finali tal-ammont dovut jekk ikun il-kaz kif jista jigi eventwalment miftiehem jew deciz f'kawza civili jew b'kull mod iehor permess mil-ligi.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bi kliem car illi jekk jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva il-Qorti ghandha wara rikors mahluf mill-parti li lilha jew lilhom ikunu dovuti dawk ir-restituzzjonijiet jew dak il-kumpens tistabilixxi jum u hin ghas-smigh tar-rikors u jekk wara dak is-smigh il-Qorti tkun sodisfatta li l-hati jkun naqas li jikkonforma ruhu mad-direttiva taghha hija ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda issehh, hlief illi l-Qorti tkun tista ghall-kawza ragonevoli tikkoncedi lill-hati zmien iehor perentorju li ma jkunx ta' aktar minn xahar sabiex jikkonforma ruhu mad-direttiva.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur